Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 290/2018

Il-Pulizija
Spettur Lara Butters

Vs

Martin Vella

Illum 12 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Martin Vella detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 547765M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fil-21 ta' Frar 2017 u fil-granet ta' qabel, meta b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bil-hsieb li jkisser jew li jhassar il-gieh ta' Wilfred Buttigieg, weggghu bi kliem, gesti, kitba jew b'disinji jew b'xi mod iehor;

2. U aktar talli ngurja jew hedded lil Wilfred Buttigieg jew jekk kien provokat, ingurjah b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. U aktar talli wara li kien avzat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviz bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi f'ghassa tal-Pulizija, naqas li jattendi f'ghassa sabiex jaghti dak it-taghrif u/jew igib mieghu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinhtiegu fuq xi investigazzjoni;

4. U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil Wilfred Buttigieg jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu, jew biex immalafama lil Wilfred Buttigieg jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;
5. U aktar talli b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' malafama lil Wilfred Buttigieg.

Il-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Wilfred Buttigieg flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, tapplika l-provedimenti tal-artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma tiffurmax parti mill-atti ta' dan l-appell izda rat il-verbal tal-20 ta' Gunju, 2018, fejn hemm indikat li l-Qorti rat li l-hames imputazzjoni stante li dan l-artiklu tal-ligi ma ghadux jezisti. Il-Qorti rrilevat illi l-imputazzjonijiet 1, 2 u 3 huma preskritti. Il-parte civile irtirat il-kawza u l-Qorti rat li hemm nuqqas ta' provi ghaldaqstant illiberat lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell tal-parte civile **Wilfred Buttigieg** detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 55879M, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **THASSAR U TANNULLA** s-sentenza appellata billi **TIDDIKJARA** l-istess sentenza nulla u bla effett.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Wilfred Buttigieg huma s-segwenti u cioe`:-

A. Provi indispensabbli bi provi ghall-akkuza ma gewx permessi.

Illi dwar l-imputazzjoni numru 4 [li kien fadal mill-hames imputazzjonijiet], l-esponenti appellant ressaq provi li fl-opinjoni tieghu kienu sufficjenti [riferuti bhala Dok A, B u C] inkluz kopja tal-email li kienet giet iccirkolata mill-akkuzat;

Illi l-esponenti appellant meta gie mitlub biex iressaq min seta' rcieva tali email mibghuta mill-imputat, talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex f'seduta ohra iressaq xhieda bhala prova indispensabbli b'appogg ghall-akkuza kontra l-imputat;

Illi d-difiza tal-imputat oggezzjonat, kif kellha dritt li taghmel, milli jittellghu xhieda bhala prova indispensabbli mitluba mill-esponenti appellant, bil-konsegwenza li l-Ewwel Onorabbli Qorti cahdet it-talba mressqa tal-parte civile;

Illi l-appellant jissottometti illi huwa qieghed iressaq dan l-aggravju a tenur tal-Artikolu 413 (1) (vi) tal-Kodici Kriminali [Kap 9] tal-Ligijiet ta' Malta [Sub-titolu III] li jikkontempla li *"il-Pulizija, jew skont il-kaz, il-kwerelant ma jkunx gie permess waqt il-kawza li jipproduci b'appogg ghall-akkuza, xi prova indispensabbli li kienet ammissibbli skont il-ligi."*

Illi fil-fehma tal-esponenti appellant ix-xhieda li huwa talab illi jressaq biex jikkonfermaw l-email minn sottomessa lill-Ewwel Onorabbli Qorti u li kienet giet cirkulata mill-imputat, kienet certament tikkostitwixxi prova indispensabbli b'appogg ghall-akkuza jew l-imputazzjoni numru 4.

**B. <u>Nullità tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti</u>**

Illi l-esponenti appellant qieghed ukoll jinterponi dan l-umli appell min-nullità tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikolu 413 (1) (viii) tal-Kodici Kriminali [Kap 9] tal-Ligijiet ta' Malta [Sub-titolu III] li jikkontempla li l-kwerelant jista' jintavola appell minn decizjoni tal-Qorti Inferjuri meta tali decizjoni *"hija nulla minhabba nuqqas ta' formalita' jew minhabba htigijiet ta' procedura."*

Illi fl-opinjoni tal-esponenti appellant stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti minflok iddikjarat <u>li l-procediment kien ezawrit</u> skont id-dettami tal-procedura kif huwa mistenni wara li l-esponenti formalment kien irtira l-kawza, iddikjarat li *"hemm*

*nuqqas ta' provi ghaldaqstant tillibera lill-imputat"*, ghandu jwassal ghan-nullità tas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza,

Rat l-affidavit ta' WPD 256 L Sant fejn din spjegat illi Wilfred Buttigieg fil-kapacita' tieghu ta' CEO tas-socjeta Yachting Malta Ltd. ghamel rapport dwar kliem ingurjuz, malfamanti u li jwaqqa ghad-disprezz u naqqas ir-reputazzjoni tieghu kif ukoll tas-socjeta' minnu rappresentata b'dak li kien ircieva fuq il-mezz elettroniku tal- email u li dan sehh minn Martin Vella. Kompla jirraporta li dawn l-affarijiet graw bejn id-19 u l-21 ta' Frar, 2017 u li kien baghat kwerela lill-Kumissarju tal-Pulizija tramtie l-avukat tieghu.

Rat ukoll l-okkorenza esebita dwar dan l-istess rapport li sar minn Wilfred Buttigieg nhar is-6 ta' Frar 2018 dwar incident li sehh bejn id-19 ta' Frar 2017 u l-21 ta' Frar 2017 fil-konfont ta' Martin Vella.

Semghet lill-partijiet jittrattaw l-eccezzjoni preliminari u appuntu dwar jekk il-parte civile ghandux dritt jipprezenta rikors tal-appell u in segwitu qablu li din-Qorti l-ewwel titratta dan l-aggravju imbaghad tittratta l-mertu ta' l-istess..

Ikkunsidrat,

L-avukat difensur tal-parte civile stqarr li ma hemm xejn fil-ligi li teskludi lill-parte civile milli jipprezenta apell quddiem din il-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Stqarr li huwa kellu kull dritt jintavola dan ir-rikors ai temini tal-artikou 413 (b) (viii) u cioe' ghaliex *'id-deċiżjoni tal-qorti inferjuri hija nulla minħabba nuqqas ta' formalità jew minħabba ħtiġiet ta' proċedura"*;

Fil-waqt li l-avukat difensur tal-appellant stqarr li l-parte civile ma kellux dritt ta' appell u dan ghaliex il-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tmexxew mill-prosekuzzjoni u ghalhekk huwa palezi illi dan l-appell ma kienx interpost mill-Avukat Generali. Jikkorri ghalhekk ezami tal-artikolu tal-Kodici Kriminali applikabbli ghad-dritt tal-appell minn sentenzi tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Fil-kawza **Il-Pulizija [Spettur Edmond Cuschieri] Vs Jimmy Bonnici Giuseppe Bonnici**[1]

jinghad is-segwent:-

*"Il-Kodici Kriminali jitkellem car dwar min jista' jappella minn Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Vella** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar, 2000 fejn fost affarijiet ohra qalet "jistghu jappellaw il-persuna misjuba hatja f'kull kaz (Artiklu 413 (1) (a)) u fil-kazijiet espressament imsemmija fl-Artiklu 413 (1)*

*(b) l-Avukat Generali u fil-kazijiet imsemmi fl-Artiklu 373 il-kwerelant,*[2] *jigifieri l-kwerelant jista' jappella biss meta:'*

*A. Ir-reat ikun ta' kompitenza originali tal-Qorti talMagistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, jigifieri jkun*

*jinkwadra taht dak li hu provdut fl-Artiklu 370 (1) tal-Kodici Kriminali moqri flimkien ma l-Artiklu 371;*

*B. L-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dak ir-reat ma tkunx tista' titmexxa hlief bil-kwerela ta' l-offiz;*

*C. Il-prosekuzzjoni titmexxa mill-offiz kif provdut fl-Artiklu 374 tal-Kodici Kriminali b'mod li s-Sentenza tinghata filkonfront tal-kwerelant (l-offiz), u l-kwerelat (l-appellanti) u ghalhekk mill-okkju tas-Sentenza jkun jidher illi l-partijiet fil-kawza huma il-kwerelant u l-appellant u mhux il-Pulizija u l-appellat."*

Dan ifisser li l-artikolu 413 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta jipprovdi dwar minn jista' jappella mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Is-sub artikolu (1) ta' dan l-artikolu jaghti d-dritt ta' appell f'kull kaz illi persuna misjuba hatja lill-Avukat Generali f'kawza ta' kompetenza originali tal-Magistrati skond l-artikolu 370(1); lill-kwerelant fil-kaizjiet imsemmija fl-artikolu 373

[1] Appell Kriminali Numru. 187/2013 Deciz fis-17 ta' Ottubru 2013

[2] Enfasi tal-Qorti.

u dawn it-tnejn fil-kazijiet esepresament imsemmija fl-artikolu 413(1)(b) u lill-Avukat Generali fil-kazijiet l-ohra kollha (artikolu 413 (1) (c)).

Kif deciz ripetutament minn din il-Qorti anke diversament preseduta, jipprexindi minn dan id-dritt t'appell tal-kwerelant huwa konfinat biss ghal dawk ir-reati:-

a) Li kunu ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ravvisat fl-artikolu 370(1) tal-Kodici Kriminali flimkien ma l-artikolu 371;

b) prosegwibbli biss bil-kwerela tal-parti ofiza u

c) li l-proskeuzzjoni titmexxa mill-offiz skond kif provdut fl-artikolu 374.

Ghal dan il-ghan din il-Qorti taghmel refernza ghas-segwenti sentenzi:

i. **Il-Pulizija vs Alfred Vella**.[3]

ii. **Il-Pulizija vs Joseph Bugeja**[4]

iii. **Il-Pulizija vs Jacqueline Leonard**[5]

iv. **Il-Pulizija vs Darren Grima**[6]

F'dan il-kaz Martin Vella kien gie akkuzat tallli

1. *"Bil-hsieb li jkisser jew li jhassar il-gieh ta' Wilfred Buttigieg, weggghu bi kliem, gesti, kitba jew b'disinji jew b'xi mod iehor;*

2. *U aktar talli ngurja jew hedded lil Wilfred Buttigieg jew jekk kien provokat, ingurjah b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;*

3. *U aktar talli wara li kien avzat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviz bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi f'ghassa tal-Pulizija, naqas li jattendi f'ghassa sabiex jaghti*

[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali fl-24 ta' Frar 2000 Appel Numru 157/1999

[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali fl-25 ta' Jannar 2008 Appel Numru 439/2007

[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali fl-21 ta' Jannar 2011 Appel Numru 536/2009

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli kriminali fl-28 ta' Frar 2018 Appel Numru 495/2015

*dak it-taghrif u/jew igib mieghu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinhtiegu fuq xi investigazzjoni;*

4. *U aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jaghmel xi reat, jew bil-hsieb li jgieghel lil Wilfred Buttigieg jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, jew hedded li jakkuza jew li jaghmel ilment kontra tieghu, jew biex immalafama lil Wilfred Buttigieg jew xi persuni ohra jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih;*
5. *U aktar talli b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' malafama lil Wilfred Buttigieg"*

Li huma reati u kontrovenzjonijiet ta' kompetenza originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u jirrizulta mill-affidavit ta' WPS 256 L Sant u l-okkorenza esebita mehuda minn PC 1027 Simon Mciallef li dan il-kaz tmexxa wara rapport illi ghamel il-parti leza r-rikorenti odjern, pero' l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija peress illi l-ilment tal-parti leza jilleda d-drittijiet ta' ordni pubbliku u l-prosekuzzjoni tmexxiet mill-pulizija ezekuttiva u mhux mill-parti leza, tant li s-sentenza nghatat fil-konfront tal-pulizija u ta' l-appellant Martin Vella. Il-parti leza r-rikorrenti odjern kien sempliciment xhud f'dawn il-proceduri.

Illi l-parte civile argumentat illi ija gja kellha locus standi f'dwn il-proceduri peress illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kient gja rrikonoxxiet li l–parte civile jidher fil-procediment li kien qed jisntema quddiemha u li jkun assistit kif jidher mill-verbal tal-Qorti tal-20 ta' Gunju 2018 u ghalhekk fil-fehma taghha ikonsegwi li kellha dritt li tinterponi appell.

Hawnhekk din il_Qorti tagheml referenza ghas-sentenzi citata supra fl-ismijiet **<u>il-Pulizja vs Alfred Vella</u>** u **<u> Pulizija vs Jospeh Attard </u>** u tghid li minkejja l-fatt li p-parti leza tkun kkostitwiet ruha bhala parti civili fit-termini tal-artikolu 410 tal-kodici Kriminali ma jfissirx li ghandha dritt ta' appell fi proceduri kriminali. Ir-reati in ballo huma dawk li jsitghu jigi prosegwibbli ex officio mill-pulizija esekuttiva u dan peress li mhux meqjus bhala delitt kontra l-proprjeta' privata izda kontra l-amminsitrazzjoni tal-gutizzja u amminstirazzjonijiet pubblici ohra.

Jinsenjaw ulterjoment dawn is-sentenzi li l-fatt li l-parti leza tkun ikkostitwiet ruhha parte civile fil-proceduri kontra l-imputat ma jfissirx li ghandha dritt ta' appell. Illi ghalhekk l-unici persuni li setghu jappellaw mis-sentenza kontra Martin Vella kienu dan ta' l-ahhar u l-Avukat Generali u ghalhekk l-appellat ghandu ragun fl-eccezzjoni preliminari tieghu u jisthoq illi tkun milquha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita tar-rikors ta' l-appell, tiddikjara l-istess rikors irritu u null u tastjeni milli tiehu konjezzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur